# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**

**Michelle Laferla**

**Illum: 25 ta Settembru 2023**

Rat li  Michelle Lafera I d 508292(M) bint Albert u Jacqueline nee Satariano Imwielda Pieta 7/10/1992 toqghod no 2 La Muraille Triq In-Nemes Swieqi akkuzata talli fis-6 ta’ Marzu 2019 ghall-habta ta’ 19.00 hrs fi Triq Loius Wettinger Mellieha;

1. Soqt jew ippruvajt issuq jew kellek  kontroll ta' vettura Nru BBZ 493 fi triq jew f'post meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.
2. W'aktar talli soqt, ipprovajt isssuq jew kellek kontroll tal-vettura nru BBZ493 f'post pubbliku wara li kkunsmajt tant alcohol li l-proporzjoni tieghu fin-nifs , fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.
3. U b'nuqqas ta' hsiebu bi traskurazggni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkagunajt hruq jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga meta nvolontarjament ikkagunajt hsarat fuq roundabout liema hsara hija fit-turf shrubs electrical equipment u fil-kerb ghad-dannu ta Environmental Landscapes Consortium Ltd.
4. Kif ukoll b'nuqqas ta hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkagunajt hruq jew ghamilt xi hsara jew hsarat jew gharraqt xi haga meta nvolontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Karl Vella Petroni minghajr il-konsegwenzi msemmija fl- artiklu 218 Kap 9 Ligijiet ta' Malta kif iccertifika Dr John Bondin Med Reg 4186ta' Mater Dei Hospital.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kohha taghha tas-sewqan ghal perijodu ta ' zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur.

Rat l-artikoli 15A 15B tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u artikolu 328(1) (d) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni
Rat li l-imputata ghazlet li ma tixhidx.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha prodotti.
Rat it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Gew ezebiti mat-tahrika tal-kawza tal-Pulizija , RAR kif ukoll affidavit tal PC 1553 li kellu anness mieghu breathalizer test kif ukoll ricevuta u ritratti tal-Envirmental Landscapes Consotium Limited kif ukoll certifikat dwar Karl Vella Petroni dapparti tat-Tabib John Bondin u affidavit Dok C.

Fl-affidavit tieghu **PC 1553 F Mizzi** dahal fil- cirkostanzi tal-involvement tieghu fil-proceduri odjerni u kif wasal li jaghmel Breathalizer test fuq Michelle Laferla 189036A.

Jigi rilevat li fuq il-breathalizer test in-numru tal-vettura indikata bhala bbz 492.

**Sandra Paulus** ma gietx permessa li tixhed fis-seduta tat- 18 ta' Lulju 2022 stante li waqt ix-xhieda taghha kienet qed tkellem lil Karl Vella Petroni.

**Karl Vella Petroni** fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2022 ghazel li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruhu.

**Fis-seduta tall-29 ta' Marzu, 2023 Norman Mifsud, xehed hekk:**

Qorti: Tahlef li tghid is-sewwa, s-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa hekk Alla jghinek.

Xhud: Iva nahlef,

Pros: X`inhu l-inkarigu tieghek sinjur?

Xhud: Jiena General Manager tal-ELC.

pros: Gejt mitlub hawnekk taghti ix-xhieda rigward kaz partikolari tghidilna x`ghandek?

Xhud: Ehe jiena li ghandi quotation li ghandi f`idejja ta xi hsara li saret fir-roundabout tal-Mellieha.

Pros: Ghandek id-dettalji tad-data?

Xhud: Id-data tal-quotation hija 13 ta` Marzu 2019.

Qorti: Imma l-incident meta sar?

Xhud: Le li ghandi li sar fuq in-notifika fis-6 ta` Marzu tat-2019.

Pros: Kemm hu l-valur jekk jogghbok?

Xhud: 846.86c ewros.

Qorti: Tista tezebiha please DOK NM.

**Michelle Laferla** ghazlet li ma tixhidx sabiex ma tinkriminaz ruha.

**Ikkunsidrat**

Illi rigwardanti l-ewwel zewg imputazzjonijet jirrizulta li fit-test tal-breathalizer ezibit mill-Prosekuzzjoni qed issir riferenza ghall-vettura bbz492 filwaqt li l-imputata akkuzata li saqet il-vettura BBZ493 u bhekk isegwi li dawn l-imputazzjonijet mhux ippruvati.

Rigwardanti t-tielet imputazzjoni , mid-dok NC ma jirrizultax id-data ta' meta sehhew id-danni u lanqas ma seta' jikkonferma d-data x-xhud Norman Mifsud General manager tal- Environmental Landscapes Consotium Ltd u bhekk isegwi li mhemmx il- prova fil-grad rikjest lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li dawn id-danni saru konsegwenza tal-incidnet in desamina u fid-data indikata.u per konsegwenza din l-imputazzjoni mhux pruvata.

Rigwardanti r-raba' imputazzjoni, fl-affidavit ta' PC 1553 F Mizzi ma jirrizultax li inghataw d-drittijiet spettanti lill-imputata u Karl Vella Petroni ta' dritt ta' Avukat jew ta' silenzju qabel ma ittiehed il-breathalizer test jew tkellmu mall- l-istess Pulizija u bhekk dawn ma' jisghawx jittiehdu in kunsiderazzjoni Jirrizulta li ma hemm l-ebda provi rigwardanti d-dinamika tal-incident fil- grad rikjest lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u per konsegwenza dawn l-imputazzjonijet mhux pruvati.

## Decide

Ghaldaqstant il- Qorti wara li rat l-artikoli 15A 15B  tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u artikolu 328(1) (d) tal- Kap 9 tal-Ligijiett a’ Malta tilliebera lill-Michelle Laferla  minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**